

31991D0261

L 126/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

22.5.1991

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tat-2 ta' Mejju 1991****li tirrikonoxxi l-Awstralja bħala ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. et al**

(91/261/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE tal-21 ta'Diċembru 1976 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fl-Istati Membri ta' organiżmi perikolużi għall-pjanti u l-prodotti tal-pjanti <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 91/27/KEE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Anness III, parti B (10) tagħha,

Billi taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 77/93/KEE mis-16 ta'April sal-31 ta'Ottubru, fil-każ ta' oriġini mill-emisferu tat-Tramuntana, u mill-1 ta'Novembru sal-15 ta' April, fil-każ ta' oriġini mill-emisferu tan-Nofsinhar, il-pjanti ta' ċerti ġeneri, minbarra l-frott u ż-żrieragħ, li joriġinaw minn pajjiżi jew reġjuni li ma jkunux daww rikonoxxuti bħala li huma ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. et al, ma jistgħux jiġu introdotti f'ċerti Stati Membri;

Billi deher minn informazzjoni uffiċjali pprovduta mill-Awstralja li l-organiżmu perikoluż fuq imsemmi ma jeżistix f'dak il-pajjiż, u li għal żmien twil din żammet projbizzjoni stretta fuq l-importazzjoni ta' pjanti u prodotti tal-pjanti li jistgħu jdaħħlu dan l-organiżmu perikoluż;

Billi jista' għalhekk jiġi stabbilit li mhemm riskju li l-imsemmi organiżmu perikoluż in kwistjoni jista' jinfirex;

Billi din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal xi skoperti sussegwenti li jistgħu jindikaw li l-imsemmi organiżmu perikoluż jinsab f'dak il-pajjiż;

Billi l-Kummissjoni ser tassigura li fuq bażi annwali l-Awstralja toffri l-informazzjoni kollha teknika li hija meħtieġa biex wieħed iqis is-sitwazzjoni hawn fuq imsemmija;

Peress illi l-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Qiegħed jiġi hawnhekk dikjarat li l-Awstralja hija meqjusa bħala ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. et al

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Mejju 1991.

*Għall-Kummissjoni*

Ray MAC SHARRY

*Membre tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 20.

<sup>(2)</sup> ĠU L 16, tat-22.1.1991, p. 29.